DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' April 2009

li temenda d-Deċiżjoni 2000/96/KE rigward in-netwerks ta' sorveljanza dedikati għall-mard li jittieħed

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2351)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/312/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' network għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/96/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'mod progressiv fin-network tal-Komunità taħt id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] tistabbilixxi lista ta' ċertu mard li jittieħed u kwistjonijiet speċjali dwar is-saħħa għal finijiet ta' sorveljanza epidemjoloġika. L-għan prinċipali għall-iżvilupp fil-livell Komunitarju ta' netwerk ta' din ix-xorta għas-sorveljanza u l-kontroll ta' mard li jittieħed kien li tingħabar u li tiġi kkoordinata l-informazzjoni min-netwerk ta' monitoraġġ fl-Istati Membri rigward is-saħħa pubblika.

(2) L-istess bħal meta kienet adottata d-Deċiżjoni 2000/96/KE mhux il-mard kollu li jittieħed jew il-kwistjonijiet speċjali dwar is-saħħa magħżula għas-sorveljanza epidemjoloġika setgħu jiġu koperti min-netwerk Komunitarju, ċerti netwerks dedikati għas-sorveljanza ġew identifikati bħala dawk li setgħu diġà jiġu stabbiliti.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/542/KE tas-17 ta' Lulju 2003 temenda d-Deċiżjoni 2000/96/KE rigward l-operat tan-networks ta' sorveljanza dedikata [3], fost affarijiet oħra tispeċifika l-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali dwar is-saħħa li f'dak iż-żmien ġew stabbiliti għalihom netwerks dedikati għas-sorveljanza.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard [4] (ECDC) jiddefinixxi n-netwerks dedikati għas-sorveljanza (DSN) bħala kull netwerk speċifiku dwar il-mard jew kwistjonijiet speċjali dwar is-saħħa għas-sorveljanza epidemjoloġika bejn l-istrutturi akkreditati u l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(5) L-Artikolu 3(2) il-punt (d) tar-Regolament (KE) Nru 851/2004, jafda lill-ECDC bil-missjoni li jikkoordina n-netwerk Ewropew tal-entitajiet li joperaw fl-oqsma tal-missjoni tiegħu, inklużi n-netwerks maħluqin minn attivitajiet ta' saħħa pubblika appoġġati mill-Kummissjoni u li joperaw id-DSN.

(6) L-ECDC attwalment jissorvelja l-importanza relattiva tal-mard u ta' kwistjonijiet speċjali dwar is-saħħa u meta meħtieġ mis-sitwazzjoni epidemjoloġika jissuġġerixxi biex tiġi emendata l-lista tal-mard li jittieħed li trid tkun koperta b'mod progressiv min-netwerk Komunitarju; barra minn hekk kull marda ġdida inkluża fid-Deċiżjoni 2000/96/KE hi immedjatament koperta bis-sorveljanza epidemjoloġika tal-ECDC.

(7) Billi l-maġġoranza l-kbira tal-mard u tal-kwistjonijiet dwar is-saħħa elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/96/KE issa hi koperta bl-attivitajiet tal-ECDC, ma għadux meħtieġ li jiġu enfasizzati f'dan l-Anness, permezz ta' asteriski, dawk in-netwerks li diġà huma stabbiliti.

(8) Id-Deċiżjoni 2000/96/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

[1] ĠU L 268, 3.10.1998, p. 1.
[2] ĠU L 28, 3.2.2000, p. 50.
[3] ĠU L 185, 24.7.2003, p. 55.
[4] ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2000/96/KE hi emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4(2) jitħassar l-ewwel subparagrafu.

(2) L-Anness I hu emendat kif preskritt fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/96/KE hu sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS I*

1. **IL-MARD LI JITTIEĦED U L-KWISTJONIJIET SPEĊJALI DWAR IS-SAĦĦA KOPERTI MIN-NETWERK KOMUNITARJU KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 1**

1.1. Rigward il-mard li jittieħed u l-kwistjonijiet speċjali dwar is-saħħa elenkati f'dan l-Anness, is-sorveljanza epidemjoloġika fin-netwerk Komunitarju trid titwettaq bil-ġbir u l-analiżi standardizzati tal-informazzjoni b'mod li jrid jiġi stabbilit għal kull marda li tittieħed u kwistjoni speċjali dwar is-saħħa meta jiġu stabbiliti n-netwerks speċifiċi għas-sorveljanza.

2. **IL-MARD**

2.1. **Il-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim**

Id-difterite

L-infezzjonijiet b'*haemophilus influenza* grupp B

L-influwenza

Il-ħosba

Il-gattone

Is-sogħla konvulsiva

Il-poljomjelite

Il-ħosba Ġermaniża

Il-ġidri

It-tetanu

2.2. **Il-mard trażmess sesswalment**

L-infezzjonijiet bil-klamidja

L-infezzjonijiet bil-gonokokku

L-infezzjoni bl-HIV

Is-sifilide

2.3. **L-epatite virali**

L-epatite A

L-epatite B

L-epatite C

2.4. **Il-mard li jinġarr mill-ikel u mill-ilma u l-mard ta' oriġini ambjentali**

L-antraċe

Il-botuliżmu

Il-kampilobatterjosi

Il-kriptosporidjosi

Il-ġardjasi

L-infezzjoni bl-*E. coli* enteroemorraġika

Il-leptospirosi

Il-listerjosi

Is-salmonellosi

Ix-xiġellosi

It-tossoplasmosi

It-trikinosi

Il-jersinosi

2.5. **Mard ieħor**

2.5.1. *Il-mard trażmess minn aġenti mhux konvenzjonali*

L-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli, il-marda varjanti ta' Creutzfeld-Jakob

2.5.2. *Il-mard li jinġarr mill-arja*

Il-leġjonellosi

Il-mard minn meninġokokkoli

L-Infezzjonijiet pnewmokoċċi

It-tuberkulosi

Is-Sindromu Respiratorju Akut Gravi (SARS)

2.5.3. *Iż-żoonosijiet (għajr dawk elenkati fit-2.4)*

Il-bruċellosi

L-echinococcosis

Ir-rabja

Id-deni-Q

It-tularemja

L-influwenza avjarja fil-bniedem

L-infezzjoni virali tal-Punent tan-Nil

2.5.4. *Il-Mard serju importat*

Il-kolera

Il-malarja

Il-pesta

Id-deni emoraġijaku virali

3. **KWISTJONIJIET SPEĊJALI DWAR IS-SAĦĦA**

3.1. **L-infezzjonijiet nosokomjali**

3.2. **Ir-reżistenza antimikrobjali**"